# XEBH

*Lil F. S. Caruana*

IL-WARDA sabiħa
li kelli fil-ġnejna
issaħħar bil-fwieħa
lil kull min għaddej,
jien bosta ħabbejtha
u b'ħilti kabbartha
kull għodwa saqqejtha
wennistha kull lej'.

'Ma l-warda mhux jiena
mill-ġnejna mort qlajtha;
ħaddieħor, bla ħniena,
minn hemm ħadha għalih,
għafasha bejn idu
—bejn idu l-moqżieża—
għax ħaseb l'hi ġidu
u l'għandha tpaxxih.

1—IX—26

Wil-warda bla mħabba,
bla wens, bla tisqija,
dlonk bdiet ħa' tixxabba'
minn ħajja bla ġieh
u sfaret u tbielet
u l-weraq itwaqqa'
mill-warda li mietet
wi ttajjar mar-riħ.

Li kont naf insibhom
il-weraq midbiela,
ah! żgur illi nġibhom
u ngħożżhom bil-qalb,
'ma naf illi l-ħajja
li ntilfet, li għabet
ma tista' ebda ġrajja
treġġagħha, ebda talb.

ROSARIO BRIFFA

# GħOŻŻIEB vs. MIŻŻEWĠIN

ĠIMGħA qabel il-Milied, Fredu bagħat S.O.S. lil ħames għożżieb oħra ħbieb tiegħu. Qisu kiteb hekk lil kull-wieħed mill-għaqda :—

"Xiħ! Tiftakar l-aħħar Milied kemm batejna; kemm rajna ma' wiċċna: għax il-Milied mhux ħaġ'oħra ħlief konfoffa tal-miżżewġin biex jinku 'l-għożżieb. Tarahom jinġabrulek, il-meżżewġin, fi ħdan il-familja tagħhom, jithennew, jidħku, iħarrfu, jifirħu u jferrħu; għax il-Milied jiġi biex ihenni qlub il-bnedmin. Imma lilna ħadd ma jhennina, għax ma għandnix familja biex ninġabru fi ħdanha, għax ħadd ma jrid jaf bina dak inhar. Tiftakar kemm iddejjaqt is-sena l-oħra! X'sejjer tagħmel din id-darba? Tridx nagħmlu bawxata kif jidhrilna aħna b'inkejja tal-miżżewġin kollha? Tridx nuruhom li m'hemmx bżonn tkun miżżewweġ fi ħdan il-familja għall-"*Pax hominibus*"; eċċ. eċċ."

Sħabu ħatfuh fil-kelma: Daddu ċempillu li jħalli f'idejh, Tom kitiblu li ħa pjaċir kbir, Frans bagħatlu kartolina u fiha faħħarlu l-għerf ta' moħħu, Bertu bagħat igħidlu li kien lest biex jimxi warajh kullimkien basta m'hemmx dbielet, u Jos saq il-motor sa għandu biex jiftiehem aħjar fuq kif se' jagħmlu u ma jagħmlux.

Għax Fred & Co. kienu sitt għożżieb li riedu jibqgħu hekk għal l-inkejja tan-nisa kollha. "X'fihom dawn in-nisa"—traku kont tismagħhom igergru—"biex tintrabat magħhom għal ħajtek kollha? Dari, l-irġiel kienu jitħajru għan-nisa għax ma kenux jafuhom sewwa; iżda l-lum xort'oħra; il-lum tiltaqa' ma' mara fit-triq tkun taf minn l-ewwel xi trodd minn barra u minn ġewwa. Il-lum il-boloh biss jafdaw qalbhom f'idejn mara; xejn ma trid biex tbigħha u bi flusha tixtri par kalzetti mil-lewn il-laħam jew taqta' xagħarha *shingled*, jew *bobbed* jew *bingled*, u...;" imma nisimgħu Fred u Jos xi ftiehmu.

"S'issa għadni ma ħsibtx sewwa x'se' nagħmlu", qal Fredu, "Imma naħseb li lejl ta' għożżieb, ikla ta' rġiel, imġiba ta' l-aħwa, u praspar u ċajt fuq tfajliet, dbielet qosra, *kami*, *henna*, *lip-stick*, *powder puff*, ittri ta' mħabba, safar, teatri; kollox imħallat max-xampanja huma biż-żejjed biex ingħaddu lejl tal-hena, kif għandu jkun il-lejl tal-Milied".

"U ninku 'l-miżżewġin!", fenda Jos. "Dawk ir-rġiel tal-familja ma jridux jafu bina f'dak il-lejl; huma jgħiru